MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 117/2013

**Appell Nru. 117/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond Aquilina)**
**Vs**
**Omissis**

**Illum 23 ta' Jannar, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 387048M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fis-sajf tas-sena 2003 u fis-snin ta' qabel din id-data, gewwa l-akkwata *Omissis* kif ukoll fil-post *Omissis*, meta b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :
1. b'eghmil zieni, ikkorrompa lil *Omissis* meta kien ghad kellu hdax-il sena, persuna ta' taht l-eta`, liema delitt

sar minnu li tigi axxendent u li kellu l-kontroll temporanju tal-istess minuri;

2. u aktar talli fl-istess zminijiet, lok, u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmi minuri *Omissis* kontra l-volonta` tieghu, u dan bhala mezz biex imsemmija minuri jigi mgieghel jaghmel xi haga jew joqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess tieghu;

3. ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minorenni *Omissis*;

4. offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Frar, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 31 u 203 tal-Kodici Kriminali sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu sitt (6) snin prigunerija. Il-qorti ddikjarat lill-appellant mhux hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu minnha u stante li t-tielet imputazzjoni inghata bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-appellant qed jinstab hati l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni. Wara li rat l-artikoli 694 u 688(e) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ddikjarat l-azzjoni ndikata fir-raba` imputazzjoni bhala preskritta u konsegwentement estinta.

B'applikazzjoni tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' tlett (3) snin fejn il-persuni protetti huma *Omissis* u l-familja tieghu.

Il-qorti ordnat d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem il-minuri nvolut u tal-appellant u dan sabiex tigi protetta l-identita` tal-istess minuri fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-appellant jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta’ Marzu, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat li mhux hati fit-tieni imputazzjoni, fit-tielet imputazzjoni li nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u r-raba` imputazzjoni meta lliberat lill-appellant stante li hija preskritta u konsegwentement estinta, tillibera lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni meta l-Ewwel Qorti sabitu hati u fin-nuqqas tapplika piena ferm u ferm inqas oneruza minn dik li applikat l-Ewwel Qorti f’piena karcerarja ta’ sitt snin.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta ma’ qisietx fatti li jirrizultaw minn dawn il-proceduri li jpoggu u li jiskreditaw lill-istess kwerelanti ghal dak li kien qed jallega ghal skopijiet li hass li ghandu jaghmel wara li dahal f’relazzjoni u fil-perjodu inizjali ma’ l-istess *Omissis* illum martu.

Illi l-Qorti skartat xhieda importanti inkluz dokumentazzjoni prezentati mid-difiza li jsahhu t-tezi u zgur fuq bazi ta’ probabbilita’ fuq dak li qal l-istess appellanti bhal per ezempju l-istess omm il-kwerelanti *Omissis* li tghid li l-istess appellanti, “kien nizel
fln-1998 tit-tieg ta’ hija *Omissis* imbaghad ta’ sbatax (17)-il sena, sorry fin-1999 kien
nizel ma huh ghax kienet mardet iz-zija tigi oht *Omissis*, fit-2000 it-tifel tela’ l-Kanada...”  li hawn ukoll jirrizulta li dak li qed jallega l-kwerelanti li kien gie abbuzat kif qed jghid hu fin-1994, ukoll mill-istess omm il-kwerelant huwa mgiddeb. Id-dok AFZ li huwa certitikat tat-tabib mill-Kanada li jsahhah iktar it-tezi u kredibbilita’ ta’ l-appellanti dwar il-fatti ezatt kif graw u inkluzi xhieda ohra u l-istess xhieda tal-prosekuzzjoni in kontro ezami bhal dik ta’ l-

istess *Omissis* indikata aktar il-quddiem f’dan ir-rikors t’Appell.

Illi d-dokumenti RA4 sa RA6, RA7 sa RAl4 u KB12 sa KBl8 ikomplu jsahhu l-fatt illi l-appellant ma kellu x’jahbi xejn dwar dak li kien jikkomporta ruhhu b’mod lecitu mal-kwerelanti ghaliex anke mill-istess qari ta’ l-emails indikati f’dawn id-dokumenti u ohrain, ma hemm xejn li jpoggu lill-appellant li kien qed jabbuza mill-kwerelaiiti u l-fatt li l-appellanti fix-xhieda tieghu jghid illi huwa kien bies lill-kwerelant fuq xuftejh (ara fol 329 fuq domandi li ghamlitlu l-istess Qorti diversament preseduta minn gudikat li tat is-sentenza) ma jwasslu qatt illi b’dan l-ghemil huwa jkun hati ta’ l-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-ittri msemmija mill-kwerelant *Omissis* imkien ma ngabet l-icken prova dwar il-kontenut taghhom bhalma ngiebu l-emails indikati aktar il-fuq u li dan ladarba l-kwerelanti kellu dejjem il-hsieb jekk kien iI-kaz li jaghmel din il-kwerela, wiehed isaqsi, ghaiiex allura dawn ma zammhomx u li anke hawnhekk il-Qorti naqset li taghmel id-domandi meta minghajr dubju kellha tasal fuq bazi ta’ probabbilita’ li l-appellanti ma wettaqx ir-reat kontemplat fl-artikolu 203.

Illi dwar il-kumment ta’ l-ewwel Qorti fis-sentenza a fol 16, “L-istress tghin aktar biex
tizdied lilu ma gietux f’rasu li b’xi mod il-bews u tghannieq u l-incident ta’ fejn il-bahar
setghu affetwaw is-sahha ta’ *Omissis*” il-Qorti kellha tara iktar minn hekk meta saret referenza ghall-istess kundizzjoni ta’ l-istess *Omissis* li medikament anke dan l-argument lanqas biss jaghmel sens.

Illi l-fatt li l-appellanti skond kif qal kif taghmel rimarka l-istess Qorti fis-sentenza taghha a fol 17. “Meta mistoqsi jekk ghandux fissazzjoni fuq dan it-tifel (a fol 353) huwa qal li huwa maghmul hekk ghax anki fuq il-mara u t-tfal tieghu jekk jaghmel”, rn’ghandu bl-ebda mod iwassal lill-gudikant li b’dan huwa kien qed jabbuza jekk ikkorrompa lill-istess *Omissis* li dan ta’ l-ahhar dejjem eskluda li kien hemm sexual intercourse per ezempju!

Il-fatt li l-appellant kien hu li hassu u li hija xokkanti li *Omissis* kien neza' gharwien hdejh fl-okkazzjoni msemmija a fol 347 tal-proceduri u dan fis-sena 2002, meta kien qieghed jigi mistoqsi mill-istess prosekuzzjoni anzi meta l-istess appellant qal, "Jien ghalija qed naghtih il-parir it-taijeb sa fejn naf jien", ma taghmilx sens li l-Qorti wkoll tiskarta dan kollu meta waslet fil-mizien tad-decizjoni taghha li ma jkollha l-ebda dubju dettat mir-raguni biex issib htija.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji hawn fuq imsemmija qed isir aggravju wkoll dwar il-piena stante illi tenut kont l-eta ta' l-istess appellanti li llum ghandu hamsa u sittin (65) sena, il-fedina penali tieghu nettissima indikata a fol 2 ta' dawn il-proceduri, l-fatt illi anke minn semplici ezami tal-fatti kif graw, li kieku wiehed kellu jiskarta dak li qal l-appellanti u joqghod biss fuq il-fatti kif irrizultaw minghajr ix-xhieda ta' l-appellanti ukoll ma jirrizultax l-aggravju ta' l-eta tal-kwerelanti u ragunijiet ohra u zgur ma kienx jimmerita taht l-ebda cirkostanza illi l-Qorti tapplika l-piena massima kontemplata fl-artikolu 203 u li ghahhekk din il-Qorti minghajr pregudizzju f'kaz ta' htija ghandha fic-cirkostanzi tapplika piena ferm anqas oneruza minn dik li tat l-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat.

L-appellant jigu z-ziju ta' omm il-parti leza *Omissis* u gie allegat illi bejn is-snin 1994, meta *Omissis* kellu biss erbatax-il sena sa' l-2005, l-appellant abbuza sesswalment minn *Omissis*. Dawn l-abbuzi kienu jsiru fir-*Omissis* kif ukoll fil-fond *Omissis*. L-akkuza t'addebita lill-appellant ghas-Sajf ta' l-2003 pero skond il-parti leza, dawn l-abbuzi kienu ilhom isiru qabel dik id-data u komplew anke wara. Meta l-Pulizija spiccaw l-investigazzjonijiet taghhom, resqu lill-appellant il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi illi kkorrompa lil *Omissis*, arresta, zamm u sekwestra lill-istess *Omissis* kontra l-Ligi, attentat vjolenti ghal pudur, kif ukoll li offenda lil pudur jew il-morali b'ghemil illi sar fil-pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku.

B'sentenza studjata u elaborata hafna, il-Qorti tal-Magistrati fit-22 ta' Frar ta' l-2013, sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni li kkorrompa lil *Omissis*, ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni, astjeniet milli tiehu konjuzzjoni tat-tielet imputazzjoni, peress li din kienet alternattiva ghall-ewwel wahda u iddikjarat l-azzjoni preskritta ghal dak li jirrigwarda r-raba' imputazzjoni. Ikkundannat lill-appellant ghal 6 snin prigunerija fil-kuntest ta' l-ewwel akkuza.

L-appellant pero hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell, fejn dan principalment ilmenta illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta ma qisetx dak li jirrizulta f'dawn il-proceduri li jiskreditaw lil parti leza. Di piu, il-Qorti tal-Magistrati skartat xhieda importanti, inkluz dokumentazzjoni tad-difiza, kif ukoll argumenti mill-istess difiza, illi l-verzjoni moghtija mill-appellant kienet aktar kredibbli minn dik tal-parti leza.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi l-ewwel Qorti kkunsidrat bir-reqqa u b'mod studjuz ix-xhieda u d-dokumentazzjoni kollha li ngiebet quddiemha. L-ewwel Qorti kellha l-opportunita illi tara l-persuni jixhdu quddiemha. Rat lil parti leza, *Omissis* u rat ukoll lill-appellant. Qiset ukoll ic-cirkostanzi ta' kif inghatat din ix-xhieda u kemm minnhom kien aktar kredibbli jew le. Il-Qorti ta' l-appell m'ghandiex din l-opportunita' u trid toqghod tikkonsidra dan l-appell sempliciment fuq il-karti u d-dokumentazzjoni li hemm fl-atti. Kien ghalhekk, illi fil-kawza "R versus Cooper" (1969) Lord Chief Justice Widgery qal "*... Assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an Appeal Court would be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate's) because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, where is the Appeal Court normally delivers the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the Prosecution, evidence as revealed from the subscript of*

*the proceedings - leave the Court with a linger lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a convection will be quashed."* (Ara ukoll Blackstone's Criminal Practice 1991 page 1392).

Dan it-taghlim gie osservat mil-Qrati taghna. Tant hu hekk, illi fil-kawza r-"Repubblika ta' Malta versus Ivan Gatt", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Dicembru tan-1994, il-Qorti qalet "Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anke jekk kien hemm verzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghet liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta u evidentement giet emmnuta... il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament." L-ewwel Qorti rrikonoxxiet mal-ewwel illi kien ser ikollha propju zewg verzjonijiet kontradittorji, dak ta' l-appellant u dak tal-parti leza *Omissis* u ghalhekk kien jimponi fuqha piz aktar onoruz sabiex tifli l-provi u tara l-komportamenti tal-persuni illi kienu qeghdin jixhdu quddiemha. Ghalhekk waslet ghal konkluzzjoni illi ma kellha l-ebda dubju dwar il-kredibilita' ta' *Omissis* (pagna 472). L-ewwel Qorti rrikonoxxiet ukoll il-principju li mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Fil-kawza l-"Pulizija versus Joseph Thorn", deciza mill-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju ta' l-2003, il-Qorti qalet "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' kunflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artiklu 637 tal-Kap 9, u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmen jew ma temmnux." (Ara ukoll Repubblika ta' Malta versus Dennis Pandolfino et, 19 t' Ottubru ta' l-2006).

L-Artiklu 637 jaghti linji gwida lil min ikun qieghed jiggudika l-fatti billi jittiehed qies ta' l-imgieba, kondotta u

karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex nis-sewwa jew jekk hijiex konsistenti, u ta’ fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hijiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Minn ezami akkurat tas-sentenza, hija ovvju illi l-ewwel Qorti ghamlet propju dan. Hadet qies ta’ l-imgieba l-kondotta, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti u gharfet kif *Omissis*, mill-bidunett li qal l-istorja tieghu, qatt ma varja din il-verzjoni u baqa’ kostanti sa’ l-ahhar, anke meta xhed permezz tal-video conferencing quddiem il-Qorti tal-Magistrati u l-ewwel Qorti setghet tqis l-genwinita’ kif ukoll l-onesta’ ta’ *Omissis* meta kien f’diffikulta jirrakkonta dak li ghadda minnu. Ma jistax ikun illi persuna ta’ eta’ daqshekk tenera tasal biex tati dawk id-dettalji kollha minghajr ma verament esperjenzat dawk id-dettalji hija stess. Persuna ta’ dik l-eta’, li m’ghandix esperjenza sesswali u esposta mal-ewwel ghal dawn l-atti maghmula mill-appellant, dejjem jaqa’ taht il-hakma manupolattiva ta’ min ikun qed jabbuza minnu. Il-komportament ta’ *Omissis* huwa tipiku ta’ persuna li tkun giet mahkuma minn persuna illi jkun qieghed jabbuza minnha. Minn naha l-ohra, l-komportament ta’ l-appellant, huwa tipiku ta’ persuna mixli b’dawn l-abbuzi u li ma jkollux triq ohra hlief illi jibqa’ jinnega dak illi gie allegat fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti ukoll taqbel mal-konkluzzjoni ta’ l-ewwel Qorti, illi l-verzjoni moghtija minn *Omissis* hija verosimili u ghandha titwemmen. Mill-bqija, l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-Ligi nvoluta f’dan il-kaz, bi kwotazzjonijiet ta’ awturi u Gurisprudenza, illi dwarhom din il-Qorti m’ghandha xejn x’izzid, hlief li ghalihom taghmel piena referenza.

Hu principju stabbilit fil-Gurisprudenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni illi waslet ghaliha. Fi kliem iehor, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, ma tirrimpjazax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinetx ragonevoli fil-konkluzzjoni

taghha. Kif diga nghad din il-Qorti ghamlet tali apprezzament u waslet ghal konkluzzjoni illi l-ewwel Qorti kienet ragonevoli u legali fil-konkluzzjoni taghha u ghalhekk mhux il-kaz li tigi ddisturbata d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------